MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1152/2001/1

**Nażżareno ABELA**

**vs**

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fil-25 ta’ Ġunju, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrent Nażżareno Abela talab li jinħeles ġid li, b’sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-24 ta’ Jannar, 2000, u konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta’ April, 2001, ġiet ordnata l-konfiska tiegħu favur il-Gvern ta’ Malta. Ir-rikorrenti qiegħed iressaq din it-talba taħt l-artikolu 22Ċ tal-Kap 101, billi jgħid li dak il-ġid kisbu b’ħidma leġittima u mhux minn qligh jew dħul minn għamil li jikkostitwixxi reat taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa fit-28 ta’ Settembru, 2001, li biha l-intimat Kummissarju tal-Pulizija eċċepixxa, l-ewwelnett, li l-Qorti riedet tqis jekk setgħetx tisma’ l-kawża ladarba l-każ ma tqegħidx għas-smigħ fiż-żmien imsemmi mil-liġi minn dakinhar li tressaq ir-rikors. Fil-mertu, l-intimat qal li t-talba m’hijiex mistħoqqa;

Rat is-sentenza tagħha tal-25 ta’ Settembru, 2003[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, warrbet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat fit-28 ta’ Novembru, 2001[2], b’dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fil-31 ta’ Jannar, 2002[3], b’affidavit tax-xhieda tiegħu u b’dokument mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fit-13 ta’ Frar, 2002[4], b’erba’ (4) affidavit mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fl-20 ta’ Frar, 2002[5], b’affidavit mehmuż magħha;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukat tar-rikorrent;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta’ Ottubru 2004 li bih tat lill-intimat żmien biex iressaq Nota ta’ Sottomissjonijiet bi tweġiba għal dawk magħmulin f’isem ir-rikorrent;

Rat li l-intimat naqas li jressaq l-imsemmija Nota fiż-żmien mogħti, u kif ukoll li jagħmel sottomissjonijiet dwar il-każ;

Rat li sallum baqgħet ma saret l-ebda talba mill-intimat biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

---

[1] Paġġ. 63 sa 71 tal-proċess
[2] Paġġ. 25 sa 30 tal-proċess
[3] Paġġ. 31 sa 35 tal-proċess
[4] Paġġ. 38 sa 43 tal-proċess
[5] Paġġ. 48-9 tal-proċess

Rat id-Degrieti tagħha tal-11 ta’ Jannar, 2005, u tal-14 ta’ April, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, li taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22Ċ(1) tagħha jista’ jintalab li ħwejjeġ persuna misjuba ħatja ta’ reat kontra l-Ordinanza, ma jibqgħux iżjed hekk milquta bil-konfiska magħmula, jekk dik il-persuna jseħħilha turi li dawk il-ħwejjeġ ma jkunux il-qligħ jew dħul minn għamil ta’ reat jew ma jkunux miksuba, direttament jew indirettament, permezz ta’ xi qligħ jew dħul bħal dak;

Illi f’dan il-każ, ir-rikorrent jgħid li l-ġid li tteħidlu kien kisbu bis-saħħa tal-impiegi li huwa kellu, kemm f’Malta u wkoll barra minn Malta, u mhux bħala frott tar-reat li għalih instab ħati;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat laqa’ għall-azzjoni tar-rikorrent billi fl-ewwel lok staqsa jekk il-Qorti għandhiex tibqa’ tisma’ l-każ ladarba ma sejħitx l-ewwel smigħ fiż-żmien ta’ tletin (30) jum minn meta tressaq ir-Rikors, kif trid il-liġi[6]. Huwa ikkontesta wkoll il-pretensjonijiet tar-rikorrent fil-mertu;

Illi din il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni b’Sentenza preliminari, u għalhekk din is-sentenza qegħda tingħata dwar il-mertu tal-każ;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li r-rikorrent twieled fl-1963 u beda jaħdem meta għalaq l-eta’ li jista’ jħalli l-iskola. Għall-bidu kellu sensiela ta’ mpiegi li ma tantx saddad fihom. Iżda bejn Lulju tal-1980 u April tal-1984 kien sab impieg fil-Libja ma’ kumpannija, bi dħul tajjeb. F’Ġunju tal-1985, daħal jaħdem bħala *seaman* ma’ kumpannija Maltija li magħha baqa’ impjegat sa Marzu tal-1994. Tul biċċa sewwa minn dak iż-żmien, kien beda jagħmel xogħol ta’ *sprayer* meta jkun frank jew wara ħin

[6] Art 22Ċ(4) tal-Kap 101

ix-xogħol. Sal-1993 huwa baqa' jgħix fid-dar tal-ġenituri tiegħu;

Illi madwar dak iż-żmien, ir-rikorrent rama għal rasu *full time* bħala *sprayer* bi sħab ma' wieħed Geoffrey Fenech f'garaxx li missier ir-rikorrent kien ta lil ibnu[7]. Damu hekk flimkien sal-1989[8], meta r-rikorrent baqa' jagħmel dak ix-xogħol waħdu mill-istess garaxx;

Illi r-rikorrent telaq minn dar il-ġenituri tiegħu fl-1995, meta kiseb appartament f'Buġibba fid-29 ta' Marzu[9], għall-prezz ta' ħdax-il elf lira Maltija (Lm 11,000) li kien ħallashom qabel id-data tal-kuntratt. Minn hemm ħareġ ftit taż-żmien wara għax ma setax jidra fih u l-post krih lil ħaddieħor. Xtara post ieħor fix-Xemxija f'Ġunju tal-1996[10], b'arranġament ta' tpartit ma' karozza akkont tal-prezz[11];

Illi b'sentenza mogħtija fl-24 ta' Jannar, 2000[12] mill-Qorti Kriminali u aktar tard konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tagħha tad-19 t'April, 2001[13], ir-rikorrent instab ħati ta' reat ta' traffikar ta' droga taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, matul Jannar tal-1997 jew ix-xhur ta' qabel. Mal-għoti tas-sentenza, il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' flus u ħwejjeġ ir-rikorrent skond l-artikolu 22(3A)(d) tal-istess Kapitolu. Ir-Rikors preżenti tressaq fil-25 ta' Ġunju, 2001;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali marbutin mal-każ, irid jingħad li l-proċedura speċjali maħsuba fl-artikolu taħt eżami hija waħda li tagħmel eċċezzjoni, fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat kontra l-Ordinanza minn Qorti kompetenti, u għalhekk, ladarba tmur kontra x-xejra tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-istess liġi dwar il-konfiska tal-ġid ta' persuna li tikser l-Ordinanza, u sakemm jiġu mħarsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, għandha tingħata tifsira f'termini stretti u mhux usa' minn dak li ried il-leġislatur. Ta' min jgħid ukoll li tali

[7] Affidavit ta' Anthony Abela 13.2.2002, f'paġ. 39 tal-proċess
[8] Affidavit ta' Geoffrey Fenech15.2.2002, f'paġ. 49 tal-proċess
[9] Dok "GMA3", f'paġġ. 83-6 tal-proċess
[10] Dok "GMA4", f'paġġ. 87-9 tal-proċess
[11] Affidavit ta' Sammy Gatt 13.2.2002, f'paġ. 41 tal-proċess
[12] Dok "NA1", f'paġġ. 4-5 tal-proċess
[13] Dok "NA2", f'paġġ. 6 sa 14 tal-proċess

proċedura tapplika għal ordni magħmul taħt l-artikolu 22(3A)(d) biss. Din id-dispożizzjoni tal-liġi titkellem dwar konfiska ta' flejjes u ġid, mobbli u kif ukoll immobbli, tal-persuna misjuba ħatja, kemm jekk jinsabu f'Malta kemm jekk barra minn Malta, ukoll jekk sal-waqt tas-sejbien tal-ħtija, tali ġid immobbli jkun għadda f'idejn terza persuna;

Illi din il-proċedura, li ddaħħlet fis-sistema tagħna fl-1986, hija miftuħa kemm għall-persuna misjuba ħatja u kif ukoll għat-terza persuna li f'idejha l-immobbli jkun għadda, u trid tinbeda mhux iżjed tard minn tliet xhur minn meta s-sentenza li tkun ordnat il-konfiska ssir ġudikat[14]. Jekk wara smigħ sommarju kif preskritt fl-imsemmi artikolu[15] il-Qorti tasal għall-fehma li t-talba tar-rikorrent għandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-ġid li jkun milqut b'dik id-deċiżjoni ma jibqax iżjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-saħħa tad-deċiżjoni nnifisha meta din issir ġudikat[16], u dik id-deċiżjoni favorevoli titqies bħala trasferiment tat-titolu ta' dak il-ġid lura mill-Gvern għal għand ir-rikorrent[17];

Illi għalkemm il-liġi tgħid li l-konfiska sseħħ favur il-Gvern ta' Malta[18], u skond ma joħroġ mill-artikolu 22(7) tal-istess Ordinanza, l-ordni tal-konfiska għandha s-saħħa ta' sentenza, il-liġi tgħid li l-leġittimu kontradittur fi proċedura bħal din huwa l-Kummissarju tal-Pulizija[19], li fuqu huwa mitfugħ id-dmir li jressaq it-tweġiba fi żmien ħmistax-il jum min-notifika lilu;

Illi huwa evidenti wkoll li jaqa' fuq il-persuna li titlob it-tneħħija tal-ordni tal-konfiska li tressaq il-provi tagħha fi grad biżżejjed biex titwemmen li l-ġid li trid li jinħeles mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ marbutin minn profitt jew dħul min għamil ta' reat. Ladarba l-proċediment ġie maħsub mil-leġislatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza ċivili u ladarba l-liġi nnifisha tgħid li dwar kull proċediment bħal dan japplikaw id-

[14] Art. 22Ċ(2) tal-Kap 101
[15] Art. 22Ċ(6) tal-Kap 101
[16] Art. 22D tal-Kap 101
[17] Art. 22Ċ(8) tal-Kap 101
[18] Art. 22(3) tal-Kap 101
[19] Art. 22Ċ(5) tal-Kap 101

dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[20], huwa naturali għalhekk li wieħed jistenna li l-grad ta' prova mressqa jkun wieħed li joqgħod għall-proċedimenti ta' natura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċediment penali;

Illi f'dan ir-rigward, madankollu, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll il-qafas legali li fih isir is-sekwestru tal-ġid ta' persuna mixlija jew misjuba ħatja ta' reat taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jingħad minħabba li l-liġi speċjali nnifisha li taħtha jsir sekwestru bħal dak jidher li toħloq il-preżunzjoni li l-ġid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attivita' kriminali tal-persuna li tkun. Dan jgħodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet ħatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun ġiet mixlija bih. Fid-dawl ta' dan il-kuntest, il-Qorti hija tal-fehma li l-piż tal-prova li dak il-ġid inkiseb b'mezzi leġittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn sempliċi dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu għejjun jew riżorsi oħra ta' għajxien;

Illi l-Qorti jidhrilha xieraq li tgħid li, f'din il-kawża, għalkemm l-intimat ikkontesta fil-mertu t-talba tar-rikorrenti, ħa atteġġament għal kollox passiv matul iż-żmien tas-smigħ tal-kawża. Ma twettaq l-ebda sforz mill-intimat biex il-provi li ressaq ir-rikorrent imerihom jew ixejjen is-siwi tagħhom. Lanqas ma deherlu li kellu jressaq sottomissjonijiet għall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ġid imsemmi mir-rikorrent fl-atti ta' din il-kawża jidher li hemm ġid ta' għamliet differenti. Jissemmew żewġ proprjetajiet immobbli u żewġ depożiti bankarji. Il-ġid immobbiljari jikkonsisti f'appartament f'Buġibba u appartament ieħor fix-Xemxija. Iż-żewġ kontijiet bankarji huma t-tnejn *Savings Accounts* li wieħed minnhom (tal-ammont ta' erbat elef lira Maltin) kien jagħmel tajjeb għal obbligazzjoni ta' terza persuna (pleġġ), filwaqt li l-ieħor kien jammonta għal ftit mijiet ta' liri meta ġie sekwestrat;

[20] Art. 22Ċ(7) tal-Kap 101

Illi r-rikorrent jgħid li, sa minn żgħużitu, ħadem f'għadd ta' mpiegi. F'uħud minnhom, speċjalment dawk barra minn Malta, d-dħul tiegħu kien wieħed tajjeb ħafna. Għalkemm ma ressaqx dokumenti, il-Qorti m'għandhiex għaliex ma toqgħodx fuq dik ix-xhieda. Minbarra dan, sakemm dam jgħix mal-ġenituri tiegħu ma kienx lanqas joħoġ spejjeż għall-ħajja. Ir-rikorrent huwa għażeb u ma jidhirx li kellu dipendenti. Dan ma jfissirx li kulma qala' ġemmgħu, iżda huwa verosimili li ukoll kieku kellu l-vizzju tad-droga, kien hemm biżżejjed mnejn ikollu lira tajba taħt rasu. Għalhekk, meta wieħed iqis il-prezz dikjarat tal-bini li xtara u l-ammont tal-flus li jidhru fil-kontijiet bankarji fl-aħħar żminijiet qabel seħħ is-sekwestru, joħroġ li l-ġid imsemmi seta' raġonevolment inkiseb bid-dħul li r-rikorrent kellu mill-impiegi tiegħu;

Illi, madankollu, joħorġu wkoll xi aspetti li jtappnu l-istampa mpinġija mir-rikorrent. L-ewwel waħda fosthom hija li hu kien diġa' ħabat difru mal-liġi dwar offiżi marbuta mal-użu tad-droga sa mis-snin tmenin[21]. Dan ifisser li l-kuntatt tar-rikorrent mal-użu ta' droga ma bediex fix-xhur qabel Jannar tal-1997, iżda snin qabel. It-tieni aspett huwa dak li r-rikorrent innifsu jistqarr li kien ikollu qligħ tajjeb ukoll għaliex huwa kien jislef fuq l-idejn b'rati għolja[22]. Fi kliem ieħor, ir-rikorrent jiġġustifika d-dħul tiegħu, fost l-oħrajn, billi jistqarr li kien jindaħal f'negozju ta' użura, li, minnha nfisha, hija attivita' illeċita u kontra l-ordni pubbliku. Hawnhekk irid jingħad li, għall-finijiet tal-proċedura preżenti, il-liġi trid li jkun biżżejjed li r-rikorrent juri li l-ġid ma jkunx inkiseb bħala qligħ jew dħul minn għamil ta' reat taħt l-Ordinanza, u mhux ukoll li l-ġid inkiseb minn attivita' leġittima. It-tielet aspett huwa dak li l-kisba tal-ġid immobbiljari – l-aktar dak li jirreferi għall-appartament tax-Xemxija – seħħ fi żmien x'aktarx qrib lejn iż-żmien li għalih huwa kien instab ħati li ittraffika d-droga;

Illi meta l-Qorti tiżen dawn iċ-ċirkostanzi kollha li jirriżultaw, u kif ukoll il-fatt li l-intimat ma miera xejn mill-provi mressqa mir-rikorrent, hija tasal għall-fehma li r-

[21] Affidavit ta' Anthony Abela 13.2.2002, f'paġ. 40 tal-proċess
[22] Affidavit ta' Alfred Urry 13.2.2002, f'paġ. 43 tal-proċess

rikorrent seħħlu juri fi grad xieraq ta' prova għal proċedura bħal din, li l-ġid li huwa jrid jeħles mill-ordni ta' konfiska maħruġ mill-Qrati ta' kompetenza kriminali kien x'aktarx inkiseb mhux bi profitt jew dħul minn għamil ta' reat taħt il-Kapitolu 101;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrent** u tiddikjara li l-ġid hawn imsemmi ma huwiex profitt jew dħul minn għamil ta' reat taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'riferenza biss għas-segwenti ġid tiegħu: u jiġifieri, għar-rigward tal-fond internament markat numru sitta (6), formanti parti mill-korp ta' bini bl-isem ta' "Corner Flats", Triq ta' Żandu, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar; il-fond internament markat numru sebgħa (7), li jagħmel parti minn korp ta' bini bl-isem ta' "Falcon Court", Triq Caterina Vitale, Xemxija, San Pawl il-Baħar; u għar-rigward tal-fondi fil-kont bankarju (*Savings Account*) numru 18205437033 fil-fergħa ta' Ħaż-Żebbuġ (Malta) tal-Bank of Valletta p.l.c. u kif ukoll tal-kont bankarju (*Savings Account*) numru 12000720019 fil-fergħa ta' Lascaris (Valletta) tal-Bank of Valletta p.l.c.;

**Tordna għalhekk it-tħassir** limitatament dwar il-ġid hawn fuq imsemmi tal-ordni ta' konfiska magħmula mill-Onorabbli Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Jannar, 2000, u kif konfermat b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' April, 2001, fl-Atti tal-Att tal-Akkuża numru 29/97 fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Nażżareno Abela";

**Bl-ispejjeż** kontra l-intimat.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------